# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 17

8 ta' Lulju 2025

Is-sbatax (17)-il seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 8 ta' Lulju 2025 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |

ASSENTI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi ta merħba lill-kunsillier-il ġdid, is-Sur Dale Cachia, u awguralu l-ħidma t-tajba.

## MINUTI

17.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

17.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

17.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

17.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tas-sittax (16)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

17.2.2. Il-Viċi Sindku JAE qal li jixtieq jgħaddi kumment ta' ringrazzjament għas-sinjali li saru ħdejn il-Grand Hotel Excelsior.

17.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera JVP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, JVP, NH, SSH, DC)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 14:05 Il-Kunsill issospenda l-laqgħa sabiex ikun jista' jiltaqa' mal-accountant tal-Kunsill.**

**14:09 Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.**

17.3 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISTQARRIJIET FINANZJARJU AWDITJATI 2024**

17.3.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ressaq l-istqarrijiet finanzjarji awditjati għas-sena 2024 quddiem il-Kunsill.

17.3.2. Il-Viċi Sindku JAE ippropona l-approvazzjoni tal-istqarrijiet finanzjarji awditjati 2024, issekondat mill-Kunsilliera JVP. Ittieħed vot favur l-approvazzjoni ta' dawn l-istqarrijiet bir-riżultat ikun wieħed unanimu.

## 17.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

17.4.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand ir-Reġjun Port fejn offrew lill-kunsilli lokali jressqu l-proposti tagħhom għal twaħħil ta' bicycle racks. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jipproponi dawn is-siti: biswit Ġnien il-Mall, biswit il-parkeġġ ta' Triq Vincenzo Dimech u biswit iċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

17.4.2. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni rigward il-European Week of Local Sports and Local Councils Initiative. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb din il-materja il-Viċi Sindku JAE peress li kien il-kunsillier responsabbli mill-isports.

17.4.3. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand l-MEYR fejn talbu lill-Kunsill jieħu ħsieb ir-resurfacing quddiem l-entratura prinċipali tal-bini tal-MEYR. Il-Kunsill qabel li għandu jirreferihom għand il-Ministeru tal-Infrastruttura direttament peress li ż-żona ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

17.4.4. Is-Sindku ressaq sejħa lill-kunsilli lokali sabiex jospitaw il-korsijiet t'Għaqal fid-Dar. Il-Kunsill laqa' l-proposta u qabel li għandu joffri l-bini tiegħu għal dan il-għan.

17.4.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana Nursery fejn talbu li jsiru manutenzjoni u tindif mad-dawra tal-grawnd. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Cleansing Department sabiex jara jekk jistax isir dan it-tindif ġaladarba dan ma jaqax taħt il-kuntratt tal-Kunsill.

17.4.6. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand l-Arċidjoċesi ta' Malta biex il-Keep Clear li hemm preżentement tinbidel għal parkeġġ riżervat għall-Istitut Kattoliku. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx u għalhekk irrifjuta t-talba.

17.4.7. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand Airsoft Malta fejn talab l-assistenza tal-Kunsill sabiex jidentifika żoni abbandunati li jkun jista' jikri temporanjament sabiex jiġi prattikat dan l-isport. Il-Kunsill qabel li għandu jissuġġerilhom iż-żona tal-Foss.

17.4.8. Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Floriana Senior Citizens biex il-Kunsill jorganizza attività b'mod konġunt magħhom nhar it-23 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb ix-xarabank u l-vann, li jammontaw għal €180, bil-kundizzjoni li tkun ċara li l-attività qed tiġi organizzata b'mod konġunt.

17.4.8.1. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għal talbiet oħra mingħand l-għaqdiet lokali u qal li t-talbiet m'għandhomx jaqbżu s-somma allokata lilhom mill-Kunsill u li għandu jkun iċċarat li l-attivitajiet qed ikunu organizzati b'mod konġunt mal-Kunsill.

17.4.9. Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni għal manutenzjoni tal-funtana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V li tammonta għal €106 kull ġimgħatejn. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob kwotazzjonijiet oħra.

17.4.10. Is-Sindku ressaq talba biex isiru sinjali ħdejn l-Institute of Public Service. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonsulta ma' Transport Malta biex jara x'jista' jsir dwar dan.

17.4.10.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li hemm bżonn li titwaħħal tabella wkoll fi Triq il-Kapuċċini. Il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi dwar dan ukoll.

17.4.10.2. Il-Kunsill qabel biex nel frattemp għandu jieħu ħsieb iwaħħal tabella ta' no entry fi Triq il-Profs. Oliver Friggieri.

17.4.11. Is-Sindku għamel riferenza għal tabella li twaħħlet Taħt il-Forka u ippropona li din tiġi mressqa. Il-Kunsill qabel li t-tabella titwaħħal ftit iktar 'il ġewwa.

17.4.12. Is-Sindku ressaq talba biex isiru soft bollards ħdejn il-kaxxi tal-muturi fi Triq l-Imħażen sabiex jiġi evitat li jipparkjaw vetturi. Wara li ddiskuta, Il-Kunsill qabel li għandu jwaħħal tabelli tal-muturi.

17.4.13. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Kunsill Lokali Pietà. Il-Kunsill qabel li għandu jirringrazzjahom tal-interess u jinformahom li l-Kunsill ser ikun qed jagħmel kuntatt dirett ma' TZRA.

17.4.14. Is-Sindku ressaq talba biex issir manhole quddiem iċ-ċentru tal-Floriana Senior Citizens. Il-Kunsill qabel li għandu jitlobhom iktar informazzjoni u speċifikazzjonijiet sabiex ikun jista' jieħu deċiżjoni.

17.4.15. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand residenta fi Triq il-Mall fejn informat b'bieba mal-art li mhijiex flush mal-art.

17.4.16. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand Computime li nformaw li kienu qed idaħħlu siti storiċi fil-kalendarju tas-sena d-dieħla u għalhekk kienu qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw das-siti. Il-Kunsill qabel li għandha tieħu f'idejha din il-proposta il-Kunsilliera JVP li kienet responsabbli mid-dekasteru tal-kultura.

17.4.17. Is-Sindku informa lill-Kunsill bin-notifika tal-Awtorità tal-Ippjanar li kien ġie approvat il-permess ta' Triq Sant'Anna. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jappella din id-deċiżjoni.

17.4.17.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jappella d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar minħabba li din id-deċiżjoni qed tikkontribwixxi għall-bidla tal-karattru residenzjali tal-lokalità u li mhux qed jinżamm il-bilanċ li suppost jinżamm skont il-pjan lokali.

17.4.18. Is-Sindku għamel riferenza għar-risposta tal-OPM fil-konfront tal-parir li l-Ombudsman ta lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jitkellem mal-Avukat tal-Kunsill dwar dan sabiex jintalab il-parir legali tiegħu.

## 17.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

17.5.1. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward l-iskema ta' parkeġġ residenzjali tal-Belt Valletta. Is-SE qal li kienu ntbagħtu xi numri u ċifri f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel li dawn iċ-ċifri jiġu ċirkolati ħalli l-materja tkun tista' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

17.5.2. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp fid-diskussjoni mal-iskola primarja rigward l-outdoor gym. Il-Viċi Sindku JAE qal li qed jistenna min-naħa tagħhom jekk il-gym jistax isir fl-iskola.

17.5.3. Il-Kunsilliera SSH ressqet proposta mingħand resident li offra li jaqla', a spejjeż tiegħu, it-tabella antika tal-isem tat-triq li hemm fi Triq San Franġisk. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx minħabba li dawn kienu tabelli storiċi li kienu jinsabu f'diversi partijiet madwar il-Floriana u lokalitajiet oħra, u anke minħabba li 'l quddiem jaf ikun hemm ħsieb li dawn jinkixfu.

17.5.4. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk tistax titressaq it-tabella tal-ħin li hemm fi Triq San Franġisk minħabba li kienet eżatt f'nofs ta' bieb. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li din għandha titressaq.

17.5.5. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li jinġabar il-ġebel li hemm Binja Vilhena, ħdejn it-taraġ. Il-Kunsill qabel li jitlob kwotazzjonijiet.

17.5.6. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li jsiru stop signs mal-kantunieri ta' ħdejn il-Young Falcons. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

17.5.7. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx sar rendikont ta' kemm ġiet tiswa' l-attività ta' St Patrick's Day. Is-Sindku qal li r-rendikont kien sar iżda kien hemm bżonn li f'edizzjonijiet futuri, titnaqqas l-ispiża. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill għandu jirċievi wkoll sponsorship mingħand il-Grand Hotel Excelsior.

17.5.8. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-container li hemm Taħt il-Forka kellux permess biex ikun hemm. Is-Sindku qal li kienet inżammet laqgħa mal-Vikings Sailing Club proprju fuq hekk li matulha ġie diskuss l-użu ta' dan il-container.

17.5.9. Il-Kunsilliera JVP staqsiet jekk kienx hemm żvilupp rigward it-tindif ta' ħdejn il-librerija pubblika. Is-SE qal li kien bagħat korrispondenza kif ukoll filmat iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx tweġiba.

17.5.10. Il-Kunsilliera JVP qalet li qed ikun hemm abbuż rikorrenti fejn qed jinħarġu ammont ta' boroż suwed ta' sikwit. Il-Kunsill iddiskuta dan l-abbuż kontinwu u l-bżonn ta' rinfurzar mill-community police u l-green wardens.

## 17.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI

17.6.1. Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 12/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**Nota: 15:28 Is-Sindku talab li jkun skużat.**

17.6.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JVP u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 17.7 MOZZJONIJIET

17.7.1. Il-Viċi Sindku JAE fetaħ il-materja billi qara l-mozzjoni li kien qed jipproponi flimkien mal-Kunsilliera JVP.

**Nota: 15:30 Is-Sindku NH irritorna għal-laqgħa.**

17.7.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill għadda din il-mozzjoni għall-vot. Ittieħed vot favur din il-mozzjoni bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (JAE, JVP, NH)
Kontra: 2 (SSH, DC)
Astensjonijiet: 0

Il-Kunsill qabel b’maġġoranza li l-mozzjoni tgħaddi għand l-Awtorità tal-Ippjanar.

## 17.8 IL-FUNTANA / RESTAWR TAL-BIEB PRINĊIPALI TAĊ-ĊENTRU RIKREATTIV, IR-RE ĠORĠ V

17.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien qed jipproponi li l-funtana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V titranġa sabiex tkun tista’ terġa’ tibda’ titħaddem bħala funtana.

17.8.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob stima li tkun tinkludi wkoll ftehim ta’ manutenzjoni.

17.8.3. Fil-każ tal-bieb prinċipali, is-Sindku ippropona li l-Kunsill jitlob lid-Direttorat tar-Restawr biex jiġi restawrat dan il-bieb li kien wieħed storiku u uniku. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 17.9 LAQGĦA MAL-KUNSILL TAL-ISTUDENTI

17.9.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi stieden lill-Viċi Sindku JAE jagħti rendikont fuq din il-materja.

17.9.2. Il-Viċi Sindku JAE qal li flimkien mal-Kunsilliera JVP kien iltaqa' mas-Surmast tal-iskola kif ukoll mal-istudenti fejn flimkien kienu iddiskutew diversi proposti ta' tisbiħ fil-lokalità.

17.9.3. Il-Viċi Sindku JAE qal li kien hemm l-idea li l-istudenti jkunu involuti f'parteċipazzjoni fl-attività ta' Ġenna ta' Ġonna. Din il-parteċipazzjoni tkun tista' tinkludi wirja tal-arti jew esibizzjonijiet iżda għandu jkun hemm iktar dettalji appena terġa' tibda' is-sena skolastika.

17.9.4. Il-Kunsilliera JVP qalet li kienet intogħġbot l-idea ta' kunsill tat-tfal u kien hemm xi studenti li wrew l-interess li jkunu parti mill-kunsill tat-tfal.

**Nota: 15:44 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

## 17.10 Ġenna ta' Ġonna

17.10.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li fuq deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill, l-attività ser tiġi organizzata it-tielet Ħadd t'Ottubru.

17.10.2. Is-Sindku qal li kien attenda għal laqgħa fejn kien informat li l-Kunsill kien ingħata €20,000 fondi għall-organizzazzjoni ta' din l-attività.

17.10.3. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill ma jaqbiżx l-ammont allokat lilu mill-fondi. Is-SE wieġeb li l-Kunsill ikun irid joħroġ ammont oltre minħabba li l-kundizzjonijiet tal-iskema huma li l-ammont allokat jifforma parti minn persentaġġ tal-ispiża u mhux it-total.

**Nota: 15:46 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

17.10.4. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jieħu deċiżjoni minn issa fuq x'ammont ser ikun allokat għal din l-attività sabiex ikun jista' jinforma lill-għaqdiet lokali bil-baġit li hemm għall-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li għandu jiddeċiedi fuq ammont u jinforma lill-għaqdiet b' dan.

17.10.5. Is-SE ġibed l-attenzjoni għall-mużika u l-band għal matul l-attività. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu l-ħin jaħseb sabiex jara x'bands jistgħu jinġiebu għal dakinhar.

17.10.6. Il-Viċi Sindku JAE qal li għandu bżonn li jkun hemm baġit akbar għar-reklamar u l-promozzjoni tal-attività.

17.10.7. Il-Kunsilliera SSH issuġġeriet li tibda' tintalab donazzjoni b'mod volontarju ħdejn l-entratura ta' ċertu postijiet ħalli l-Kunsill ikun jista' jiġbor ammont sew sabiex jingħata bħala donazzjoni.

17.10.7.1. Qamet diskussjoni fuq lil min għandha tingħata d-donazzjoni fejn ġie propost li d-donazzjoni tinqasam parti għal kawża filantropika u parti għal kawża kulturali.

17.10.7.2. Is-Sindku NH ippropona li tintalab donazzjoni ħdejn l-entratura tal-Ġibjun. Fi Triq San Publju ġdejn is-Seniors Citizen Centre.

## 17.11 Monitoraġġ intern ta' kameras tas-CCTV

17.11.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li hemm kunsilli lokali li għandhom monitoraġġ intern ta' kameras tas-sigurtà.

17.11.2. Is-SE ta rendikont u spjegazzjoni fuq is-sistema kurrenti li għandu l-Kunsill.

17.11.3. Għalhekk is-Sindku ippropona li l-Kunsill iżur wieħed minn dawn il-kunsilli lokali sabiex jara l-operat tagħhom ħalli jekk ikun possibbli, tkun tista' tiġi adottata din is-sistema. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 17.12 Proġett ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana

17.12.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li kienet inżammet laqgħa mar-residenti fejn kienet qamet diskussjoni u kienu ħarġu diversi punti validi.

17.12.2. Is-Sindku semma uħud mis-suġġerimenti fosthom li jsiru tabelli u li l-kuntrattur jingħata ftehim ta' manutenzjoni tal-paviment. Il-Kunsill qabel mal-maġġoranza tas-suġġerimenti li ħarġu u qabel li għandu jieħu ħsieb jara li dawn jiġu implimentati ladarba jitlesta l-proġett.

17.12.3. Is-Sindku għamel riferenza għal suġġeriment biex isiru fanali ornamentali. Huwa qal li hu kien kontra dawn il-fanali. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li jkun hemm fanali ornamentali.

17.12.4. Il-Kunsill iddiskuta l-proposta tal-bollard u li ż-żona tkun pedonali. Is-Sindku qal li kien hemm oġġezzjoni minn xi persuni li t-triq issir pedonali.

17.12.4.1. Il-Viċi Sindku JAE qal li hu kien kontra li titqiegħed bollard minħabba każijiet t'emerġenza li jistgħu jinqalgħu.

17.12.4.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li r-residenti kollha għandhom ikollhom ċavetta biex titneħħa l-bollard. Hija żiedet tgħid li f'każ t'emerġenza il-bollard xortawaħda tkun tista' titneħħa faċilment.

17.12.4.3. Minħabba li ma kienx hemm ftehim, il-Kunsill qabel li jipposponi din id-deċiżjoni u jiddeċiedi ladarba jitlesta l-proġett.

17.12.5. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li x-xogħol għandu jibda’ wara l-attività ta’ Ġenna ta’ Ġonna.

## 17.13 Il-Kriżi Demografika u Riġenerazzjoni tal-Floriana

17.13.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li din il-materja kienet ġiet trattata fil-maġġoranza tagħha fil-mozzjoni diskussa preċedentement.

17.13.2. Huwa qal li minkejja l-mozzjoni, hu xorta kien tal-opinjoni li l-ħidma li kienet diġà bdiet mar-Reġjun Port titkompla ġaladarba r-Reġjun kien interessat.

17.13.3. Il-Viċi Sindku JAE qal li xi ftit jiem qabel, il-Prim Ministru kien ħabbar li kienet ser issir riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u għalhekk jekk hemm pjanijiet fuq livell nazzjonali allura wieħed jilqa’ b’sodisfazzjon dawn il-pjanijiet.

17.13.4. Il-Viċi Sindku JAE qal li kien tkellem maċ-Chairperson tal-MCSD li kien ippropona li l-Kunsill għandu l-ewwel jitkellem mal-Kumitat tas-Soċjetà Ċivili fi ħdan l-MCSD. Huwa qal li kien bagħat imejl u għandu jinforma lill-Kunsill appena jkun hemm risposta.

## 17.14 Aġġornament tal-laqgħa

17.14.1. Il-laqgħa intemmet fl-16:30 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 5 t’Awwissu 2025 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 5 ta’ Awwissu 2025**

(iffirmati)
Nigel Holland
Sindku

(iffirmati)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv